# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 1 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 377/99**

**Numru 29**

**D. Burke Company Limited**

**vs**

**Micro Travel & Tourism Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhix tkun ikkundannata sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u tmien liri u hamsa u tmenin centezmu (Lm608.85,0), import ta' akkomodazzjoni u servizzi ancillari provduti mis-socjeta' attrici, fatturati skond statement anness mal-avviz mmarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid prezentati mal-avviz, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-anness Dok A a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tas-socjeta konvenuta (fol 5 tal-atti) li biha eccepiet illi t-talbiet attrici ghall-kundanna ta' hlas tas-somma ta' sitt mija u tmien liri u hamsa u tmenin centezmu (Lm608.85) ghandha tigi respinta bl-ispejjes stante illli l-ammont dovut lis-socjeta' attrici huwa biss ta' erba' mija u wiehed u sebghin lira u wiehed u disghin centezmu (Lm471.91) u mhux kif mitlub.

Illi l-esponenti kien dejjem lest li jhallas dan l-ammont izda s-socjeta' attrici qeghda, b'mod arbitrarju, tippretendi li ghandha tithallas b'rata ghola milli miftiehem.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jinghad f'dan l-istadju is-segwenti:-

a) Kif jidher mill-istess nota ta' eccezzjonjiet citata, is-socjeta' konvenuta ammettiet "in parte" l-ammont pretiz minn dik attrici fl-avviz in esami. Difatti fl-istess nota s-socjeta konvenuta ddikjarat li l-ammont dovut huwa Lm471.91,0.

b) Hlief, ghall-abili difensur tas-socjeta' konvenuta li jidher li hu ukoll direttur taghha (fol 55 ibid) ma deher hadd in rappresentanza ta' din waqt id-diversi seduti li inzammu. Sahansitra, gie presentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess socjeta konvenuta (ara fol 50 u 53 tal-atti) bl-esitu skond kif jidher a fol 54 u 55 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-meritu, xehdu Frank Camilleri (fol 10 et seq ibid) u Martin Casha (fol 51 et seq ibid) it-tnejn diretturi tas-socjeta' attrici oltre li gew esebiti d-dokumenti minn fol 13 sa 43 tal-istess atti. Minn dawn il-provi orali u a basi ta' diversi dokumenti, jidher b'mod evidenti li t-talba attrici trid tigi akkolta "in toto".

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta'

konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm608.85,0 bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorju tal-10 ta' Marzu 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg